MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 250/2003

Il-Pulizija
(Spettur Alexandra Farrugia)
Vs
Massimo Drago

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 ta' Mejju, 2001 u/jew fil-jiem u xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-18 ta' Mejju 2001, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, billi kellu mohbija fil-panelling tat-truck minnu misjuq, li jgib in-numru ta' Registrazzjoni HAS 025, mitejn kartuna sigaretti b'mitejn sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans Blue u dan bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta minn dazju u taxxi li jkun immisshom jithallsu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni, u/jew b'xi mod tiddisponi minnhom. Is-sigaretti in kwistjoni ghandhom valur ta' Lm450, dazju tas-Sisa ta' LM1,206, liema dazju tas-Sisa ma giex imhallas u/jew kawtelat, dan bi ksur ta' l-Artikolu 60 (a)(b)(c)(d)(k); l-Artikolu 62 (a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 u l-Artikoli 16(j) u 17(a) tal-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta;
c) f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu, billi kellu mohbija fil-panelling tat-truck minnu misjuq, li jgib in-numru tar-registrazzjoni HAS 025, mitejn kartuna sigaretti b'mitejn sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans Blue u dana bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta minn taxxi li jkun imisshom jithallsu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni u/jew b'xi mod iehor tiddisponi minnhom, liema sigaretti, li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta ghandhom valur ta' LM450, dazju tas-Sisa ta' LM1206, b'valur totali ta' LM1656 u li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal LM 248.40,0 u liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, bi ksur tal-Att nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Dicembru, 2003 li biha, wara li rat l-artikoli 60(a)(b)(c)(d)(k), 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k) l-proviso tal-artikolu 62 tal-Kap. 37, ukoll l-artikoli 16(j) u 17 tal-Kap. 382, kif ukoll l-artikolu 80 tal-Kap. 406 ma sabitx lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza izda sabitu hati ta' l-akkuzi l-ohra w ikkundannatu ghal multa komplessiva ta' LM3254 oltre ghall-prigunerija ta' sena, sospiza bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 ghal perjodu ta' sentejn minn din id-data sakemm l-

imputat ma jikkommettix reat iehor f'dan il-perjodu. Ordnat ukoll il-konfiska tas-sigaretti meritu l-proceduri.

Illi in kwantu l-van numru ta' registrazzjoni HAS 025 irrizulta li l-imputat kien impjegat u l-van hu proprjetarju tal-principal tieghu li, ammess mill-prosekuzzjoni stess, ma kellu x'jaqsam xejn mal-offizi in kwistjoni. Ghalhekk ma kienx hemm lok ghal konfiska tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tibdel u timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel akkuza w ikkundannatu ghal multa komplessiva ta' LM3254, oltre ghal prigunerija ta' sena sospiza ghal perjodu ta' sentejn, filwaqt li ordnat il-konfiska tas-sigaretti mertu tal-proceduri, thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma ordnatx il-konfiska tal-van bin-numru HAS 025, u minflok, tordna wkoll il-konfiska tal-vettura in kwistjoni.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali huwa s-segwenti :- li l-Ewwel Qorti ma ordnatx ukoll il-konfiska tal-Van bin-numru HAS 025 ghar-raguni li dan ma kienx proprjeta' tal-imputat , izda tal-principal tieghu meta l-Ewwel Qorti ma kellhiex xelta ohra fi hdan il-ligi specjali tad-Dwana (Kap.37) hlief li tordna ukoll il-konfiska tal-van mertu ukoll ta' dawn il-proceduri.

Fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi huwa ghal kollox assodat li s-sigarretti inkriminati kienu gew mohbija fil-panels tal-imsemmi van u din il-vettura kienet ser tintuza mill-imputat appellat biex dawn l-oggetti jinhargu bla ma jithallas id-dazju u l-VAT fuqhom ;

Issa kif tajjeb issottomettiet il-prosekuzzjoni skond l-artikoli 68 u 69 tal-imsemmi Kap.37, il-konfiska ta’ kull vettura jew hag’ohra li xjentement tkun giet uzata fil-habi jew trasport ta’ oggetti li fuqhom ma jkunx gie mhallas jew kawtelat id-dazju jew taxxa tas-sisa hija wahda tassattiva . Taht din il-ligi specjali ma hemm ebda limitazzjoni jew eccezzjoni ghal tali konfiska kontemplata , bhal ma - taht cirkostanzi ohra - jista’ jkun hemm taht dak li jipprovdi l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali.

Dak li jrid jigi pruvat mill-Prosekuzzjoni , kif fil-fatt jidher li gie pruvat ghas-sodisfazzjon pjen tal-Ewwel Qorti f’dan il-kaz, huwa biss u semplicement li l-imputat appellat xjentement kien ghamel uzu minn tali vettura, irrispettivament mill-fatt lil min tali vettura kienet tappartjeni, jew jekk il-persuna li ghaliha kienet tappartjeni il-van kienetx direttament jew indirettament konsapevoli ta’ dak li kien qed jaghmel l-appellat.

Ghad-distinzjoni ta’ l-artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali, li jiddisponi li jista’ jkun hemm eccezzjoni ghall-konfiska bhala konsegwenza tal-piena stabilita mill-ligi ghad-delitt , meta persuna li ma tkunx hadet sehem fid-delitt , ikollha jedd fuq dawk l-oggetti , l-artikoli 68 u 69 ma joholqu ebda eccezzjoni f’ dan is-sens .

L-artikolu 68 jiddisponi li :-

“Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta’ garr li jkun sar xjentement uzu minnhom…. fit-twarrib jew fil-garr …ta’ oggetti li id-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu , taht din l-Ordinanza , suggetti ghal konfiska **ghandhom jigu konfiskati**.”

L-unika eccezzjoni li taghmel il-ligi hija fil-kaz ta’ bastiment li jkun ta’ purtata ta’ aktar minn mitejn u hamsin tunnellata.

L-istess l-artikolu 69 ma jaghmel ebda distinzjoni simili ghal dik kontenuta fl-artikolu 23 tal-Kap.9.

Illi ghalhekk , peress li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat mill-akkuza ta’ ricettazzjoni kontemplata fil-Kodici Kriminali

skond l-ewwel akkuza u rriskontrat htija biss taht it-tieni u t-tielet imputazzjoni li jaqghu taht il-Kap.37 u 382 u 406 rispettivament , il-kwistjoni tal-interess ta’ terzi u cioe’ tal-proprjetarju tal-van li skond l-Ewwel Qorti ma kellu x’jaqsam xejn, ma ghandha ebda rilevanza guridika u ergo l-Ewwel Qorti ma setghetx izzomm lura milli tapplika il-konfiska kif kienet tassattivament obbligata li taghmel skond l-artikolu 68 tal-Kap.37.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher fondat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-istess appell u tirriforma is-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu rriteniet li ma kienx hemm lok ghall-konfiska tal-van numru HAS 025 u minnflok , wara li rat l-artikolu 68 u 69 tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna il-konfiska tal-imsemmi van u billi tikkonfermaha fil-kumplament taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------